Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

3 ta’ Ottubru 2019*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Artikolu 17(1) – Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi – Kunċett ta’ ‘konsumatur’ – Persuna fiżika li twettaq tranżazzjonijiet fis-suq internazzjonali tal-kambju permezz ta’ kumpannija ta’ senserija – Regolament (KE) Nru 593/2008 (Ruma I) – Direttiva 2004/39/KE – Kunċett ta’ ‘klijent tax-xiri bl-imnut’”

Fil-Kawża C-208/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Nejvyšší soud (il-Qorti Suprema, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta’ deċiżjoni tat-13 ta’ Marzu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta’ Marzu 2018, fil-proċedura

**Jana Petruchová**

vs

**FIBO Group Holdings Limited,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, C. Toader, A. Rosas, L. Bay Larsen u M. Safjan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta’ Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-31 ta’ Jannar 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal J. Petruchová, minn M. Hostinský, advokát,

– għal FIBO Group Holdings Limited, minn J. Komárek, advokát,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Šimerdová u M. Heller, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' April 2019,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Jana Petruchová u FIBO Group Holdings Limited (iktar 'il quddiem "FIBO") fir-rigward ta' talba għal ħlas tad-differenza bejn il-profitt magħmul minn J. Petruchová u l-profitt li din kienet tikseb kieku l-ordni ta' xiri ta' munita, mogħtija minn din tal-aħħar, kienet ġiet eżegwita minn FIBO mingħajr dewmien.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Ir-Regolament Nru 1215/2012*

3 Skont il-premessi 15, 16 u 18 tar-Regolament Nru 1215/2012:

"(15) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ikunu prevedibbli ħafna u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut. [...]

(16) Barra d-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm raġunijiet alternattivi ta' ġurisdizzjoni bbażati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. [...]

[...]

(18) B'relazzjoni mal-kuntratti ta' assigurazzjoni, tal-konsumatur u ta' impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni aktar favorevoli għall-interessi tagħha milli r-regoli ġenerali."

4 It-Taqsima 4 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, intitolata "Ġurisdizzjoni dwar kuntratti tal-konsumatur", tinkludi l-Artikoli 17 sa 19 tiegħu. L-Artikolu 17(1) u (3) tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"1. Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt konkluż minn xi persuna, il-konsumatur, għal skop li jista' jitqies lil hinn minn negozju jew professjoni tiegħu, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din it-Taqsima, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 u l-punt 5 tal-Artikolu 7, jekk:

a) ikun kuntratt ta' bejgħ ta' oġġetti li jitħallsu bin-nifs;

b) ikun kuntratt għal self li jitħallas bin-nifs, jew għal xi għamla oħra ta' kreditu, magħmula sabiex tiffinanzja l-bejgħ ta' oġġetti; jew

c) fil-każijiet l-oħra kollha, il-kuntratt ikun ġie konkluż ma' persuna li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, bi kwalunkwe mezzi, tidderieġi tali attivitajiet lejn dak l-Istat Membru jew lejn diversi Stati inkluż dak l-Istat Membru, u l-kuntratt jidħol fl-ambitu ta' attivitajiet bħal dawk.

[…]

3. Din it-Taqsima m'għandhiex tapplika għal kuntratt ta' trasport apparti minn kuntratt li, għal prezz inkluživ, jipprovdi għal taħlita ta' vjaġġar u akkomodazzjoni."

5 L-Artikolu 18(1) tal-istess regolament jipprovdi:

"Konsumatur jista' jressaq proċedimenti kontra l-parti l-oħra ta' kuntratt fil-qrati tal-Istat Membru li fih tkun domiċiljata dik il-parti jew, irrispettivament mid-domiċilju tal-parti l-oħra, fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur."

6 L-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1215/2012 huwa fformulat kif ġej:

"Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jistgħu jitwarrbu biss bi ftehim:

1) li jkun seħħ wara li tkun qamet it-tilwima;

2) li jippermetti lill-konsumatur li jressaq proċedimenti fi qrati apparti minn dawk indikati f'din it-Taqsima; jew

3) li jkun seħħ mill-konsumatur u l-parti l-oħra tal-kuntratt li t-tnejn li huma filwaqt tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu domiċiljati jew ikunu abitwalment residenti fl-istess Stat Membru, u li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' dak l-Istat Membru, dment li ftehim bħal dak ma jkunx kuntrarju għal-liġi ta' dak l-Istat Membru."

7 L-Artikolu 25(4) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Ftehim jew dispożizzjonijiet ta' strument ta' trust li jagħtu ġurisdizzjoni m'għandux ikollhom forza legali jekk dawn imorru kontru l-Artikoli 15, 19 jew 23, jew jekk il-qrati li l-ġurisdizzjoni tagħhom dawn iridu jeskludu jkollhom il-ġurisdizzjoni esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 24."

### *Ir-Regolament Ruma I*

8 Skont il-premessi 7, 28 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I"):

"(7) L-ambitu sostantiv u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42)] (iktar 'il quddiem "Brussell I") u r-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (iktar 'il quddiem "Ruma II") [ĠU 2007, L 199, p. 40].

[…]

(28) Huwa importanti li jiġi żgurat li d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu strument finanzjarju ma jkunux koperti mir-regola ġenerali applikabbli għall-kuntratti konsumistiċi, minħabba li dan jista' jwassal għall-applikabbiltà ta' liġijiet differenti għal kull wieħed mill-istrumenti li jinħarġu, u b'hekk tkun qed tinbidel in-natura tagħhom u ma jkunux jistgħu jsiru l-kummerċ u l-offerta funġibbli tagħhom […]

[…]

(30) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, strumenti finanzjarji u titoli trasferibbli huma dawk l-istrumenti msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 263)]."

9 L-Artikolu 1 tar-Regolament Ruma I, intitolat "Ambitu materjali", jipprovdi, fl-ewwel subparagrafu tal-ewwel paragrafu tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu konflitt tal-liġijiet, għal obbligazzjonijiet kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali."

10 L-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kuntratti ta' konsum", jipprovdi:

"1. Bla ħsara għall-Artikoli 5 u 7, kuntratt konkluż minn persuna fiżika għal skop li jista' jitqies bħala mhux relatat mas-sengħa jew professjoni tagħha ("il-konsumatur"), ma' persuna oħra li taġixxi fl-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni tagħha ("il-professjonist") għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, bil-kondizzjoni li:

a) il-professjonist jeżerċita l-attivitajiet kummerċjali jew professjonali tiegħu fil-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, jew

b) bi kwalunkwe mezz, jindirizza dawn l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż,

u li l-kuntratt jaqa' fl-ambitu ta' dawn l-attivitajiet.

[...]

4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal dawn il-kuntratti:

[...]

d) drittijiet u obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu strument finanzjarju u drittijiet u obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu t-termini u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ jew l-offerta lill-pubbliku u offerti pubbliċi ta' take-over ta' titoli trasferibbli, u s-sottoskrizzjoni u l-fidwa ta' unitajiet f'intrapriżi ta' investiment kollettiv sa fejn dawn l-attivitajiet ma jikkostitwixxux forniment ta' servizz finanzjarju;

[...]"

### *Id-Direttiva 2004/39*

11 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39, intitolat "Id-Definizzjonijiet", kien jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

10) 'Klijent' ifisser kull persuna naturali jew legali li ditta ta' l-investiment tipprovdihom b'investiment u/jew servizzi anċillari;

11) 'Klijent professjonali' ifisser klijent li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness II;

12) ‘Klijent tax-xiri bl-imnut’ ifisser klijent li mhux klijent professjonali;

[…]

17) ‘Strument finanzjarju’ ifisser dawk l-istrumenti speċifikati fit-Taqsima Ċ ta’ –L-Anness I;

[…]”

12 Taħt it-titolu “L-Istrumenti Finanzjarji”, it-Taqsima Ċ tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39 kienet tesponi l-lista tal-istrumenti finanzjarji previsti minn din id-direttiva, fosthom, fil-punt 9 ta’ din it-taqsima, “[i]l-kuntratti finanzjarji għad-differenzi”.

13 Taħt it-titolu “Il-Kategoriji tal-klijent li huma kkunsidrati li huma professjonali”, it-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39 kienet tippreċiża dan li ġej:

“Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu professjonali fis-servizzi u l-attivitajiet kollha ta’ investiment u l-istrumenti finanzjarji għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva:

1. L-entitajiet legali li huma meħtieġa li jkunu awtrorizzati jew irregolati sabiex joperaw fis-swieq finanzjarji. Il-lista ta’ hawn taħt għandha tiġi mifhuma li tinkludi l-entitajiet kollha awtorizzati li jwettqu l-attivitajiet karatteristiċi ta’ l-entitajiet imsemmija, […]:
   a) L-istituzzjonijiet ta’ kreditu,
   b) Id-ditti ta’ l-investiment
   ċ) Istituzzjonjiet finanzjarji oħra awtorizzati jew irregolati

   […]

2. L-impriżi l-kbar li jissodisfaw tnejn mill-ħtiġiet li ġejjin dwar id-daqs fuq il-bażi ta’ kumpannija:

   – it-total tal-karta tal-bilanċ EUR 20 000 000

   – il-ħruġ u d-dħul netti EUR 40 000 000

   – il-fondi proprji EUR 2 000 000

3. Il-gvernijiet nazzjonali u reġjonali, il-korpi pibbliċi li jiġġestjonaw id-dejn pubbliku, il-Banek Ċetrali, l-istituzzjonijiet internazzjonali u supra-nazzjonali bħalma huma l-Bank Dinji, il-[Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)] jew organizzazzjonijiet internazzjonali simili.

4. Investituri oħra istituzzjonali […]

L-entitajiet imsemmija hawn fuq huma kkunsidrati li huma professjonali. Iridu madankollu jitħallew li jitolbu trattament mhux professjonali u d-ditti ta’ l-investiment jistgħu jaqblu li jipprovdu livell ogħla ta’ protezzjoni. Meta l-klijent ta’ ditta ta’ l-investiment huwa impriża riferita hawn fuq, id-ditta ta’ l-investiment trid tgħarrfu qabel kull provvediment ta’ servizzi li, fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli għad-ditta, il-klijent jitqies li huwa klijent professjonali, u jrid jiġi ttrattat ta’ hekk għajr jekk id-ditta u l-klijent jiftiehmu xorta oħra. […]

[…]”

14 Taħt it-titolu "Il-klijenti li jistgħu jiġu ttrattati bħala professjonali fuq talba", it-Taqsima II tal-Anness II ta' din id-direttiva, kienet tinkludi l-punt II.1, intitolat "Il-kriterji ta' l-identifikazzjoni". Dan il-punt kien jipprovdi:

"[…]

Id-ditti ta' l-investiment għandhom […] jingħataw il-pemess li jittrattaw lil kull wieħed mill-klijenti ta' hawn fuq sakemm jiġu mwettqa l-kriterji rilevanti u l-proċedura msemmija hawn taħt. Madankollu, dawn il-klijenti ma għandhomx jiġu preżunti li jippossjiedu għerf u esperjenza tas-suq ipparagunati ma' dak tal-kategoriji elenkati fit-taqsima I.

Kull rinunzja minn din tal-protezzjoni […] għandha titqies valida biss jekk stima adegwata […]

[…]

Fil-kors ta' l-istima ta' hawn fuq, għandhom jiġu sodisfatti bħala minimu tnejn mill-kriterji li ġejjin:

— li l-klijent ikun wettaq transazzjonijiet, ta' daqs sinifikanti, fis-suq rilevanti fi frekwenza medja ta' 10 f'kull kwart tas-sena fuq l-erba' kwarti preċedenti tas-sena,

— li d-daqs tal-portafoll ta' l-istrument finnzjarju tal-klijent, iddefinit li jinkludi depożiti ta' flus fil-pront u strumenti finanzjarji, jaqbeż il-EUR 500000,

— li l-klijent jaħdem jew ikun ħadem fis-settur finanzjarju għal mill-inqas sena f'pożizzjoni professjonali, li teħtieġ għerf dwar it-transazzjonijiet jew is-servizzi previsti."

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

15 J. Petruchová hija ddomiċiljata fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. FIBO hija kumpannija ta' senserija rregolata mid-dritt Ċiprijott, li topera bħala professjonali fil-qasam ta' titoli trasferibbli.

16 Fit-2 ta' Ottubru 2014, J. Petruchová kkonkludiet mill-bogħod ma' FIBO Ftehim Qafas (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas") li l-għan tiegħu kien li jippermettilha li twettaq tranżazzjonijiet fis-suq internazzjonali tal-kambju FOREX (Foreign Exchange) (iktar 'il quddiem is-"suq FOREX"), billi tqiegħed ordnijiet ta' xiri u ta' bejgħ tal-munita bażi, li FIBO kellha teżegwixxi permezz tal-pjattaforma tal-kambju online tagħha.

17 Għal dan il-għan, il-Ftehim Qafas kien jipprevedi l-konklużjoni, bejn J. Petruchová u FIBO, ta' kuntratti individwali, ikklassifikati bħala kuntratti finanzjarji għad-differenzi (iktar 'il quddiem il-"KFD"), li jikkostitwixxu strumenti finanzjarji li l-għan tagħhom jikkonsisti f'li jagħmlu profitti fuq id-differenza bejn ir-rati tal-kambju applikabbli, rispettivament, għax-xiri u għall-bejgħ tal-munita bażi fir-rigward tal-munita kkwotata.

18 Għalkemm huwa possibbli li jsiru tranżazzjonijiet fis-suq FOREX b'fondi proprji, J. Petruchová għamlet użu mill-possibbiltà li tinnegozja permezz ta' "lottijiet", lott li għandu valur ta' 100 000 dollaru tal-Istati Uniti (USD) (madwar EUR 88 000), billi jintuża l-effett ta' lieva. Dan il-mekkaniżmu ppermettielha li tinnegozja b'volum ikbar ta' fondi minn dak li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Għalhekk, meta hija kienet tiftaħ il-pożizzjoni tagħha billi tixtri l-munita bażi, hija daħlet f'kuntratt ta' self ma' FIBO, li hija kienet tirrimborsa billi tagħlaq il-pożizzjoni tagħha permezz tal-bejgħ tal-munita bażi.

19 Il-klawżola 30 tal-Ftehim Qafas kienet tipprovdi għal ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni lill-qrati Ċiprijotti.

20 Fit-3 ta' Ottubru 2014, J. Petruchová kkonkludiet KFD ma' FIBO, li skont dan hija qiegħdet ordni ta' xiri ta' 35 lott b'rata tal-kambju ddeterminata fir-rigward tal-jen Ġappuniż (JPY).

21 Minħabba l-ipproċessar ta' sensiela twila ta' ordnijiet fis-sistema ta' tranżazzjoni ta' FIBO, l-ordni mqiegħda minn J. Petruchová ġiet eżegwita minn din il-kumpannija b'dewmien ta' 16-il sekonda, li matulu seħħet varjazzjoni fir-rata tal-kambju USD/JPY fis-suq FOREX. Konsegwentement, ix-xiri, minn FIBO, tal-ammont tad-dollari tal-Istati Uniti ordnat minn J. Petruchová sar b'rata tal-kambju USD/JPY li ma kinitx dik li J. Petruchová kienet aċċettat meta kkonfermat l-ordni ta' xiri tagħha.

22 Skont J. Petruchová, kieku l-ordni ta' xiri tagħha tal-munita bażi kienet ġiet eżegwita fil-ħin, u mhux b'dewmien, hija kienet tagħmel it-triplu tal-profitt.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fit-12 ta' Ottubru 2015, J. Petruchová ppreżentat rikors quddiem il-Krajský soud v Ostravě (il-Qorti Reġjonali ta' Ostrava, ir-Repubblika Ċeka), billi sostniet arrikkiment indebitu ta' FIBO.

24 Hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, J. Petruchová, billi kkunsidrat lilha nnifisha bħala "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, ressqet kawża quddiem il-qorti tad-domiċilju tagħha. Bl-istess mod, hija qieset li, konformement mal-Artikolu 19(1) u mal-Artikolu 25(4) ta' dan ir-regolament, ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni konkluż ma' konsumatur qabel ma tkun qamet it-tilwima kien mingħajr effett.

25 B'digriet tad-29 ta' Settembru 2016, il-Krajský soud v Ostravě (il-Qorti Reġjonali ta' Ostrava) ċaħdet ir-rikors ta' J. Petruchová. Din il-qorti kkonkludiet li l-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li jinsab fil-klawżola 30 tal-Ftehim Qafas kien validu u li, konsegwentement, ma kellhiex ġurisdizzjoni internazzjonali sabiex tiddeċiedi dwar it-tilwima pendenti quddiemha. Skont din il-qorti, J. Petruchová ma kellhiex il-kwalità ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, peress li hija ma kinitx ikkonkludiet il-KFD inkwistjoni sabiex tissodisfa l-bżonnijiet personali tagħha, li hija kellha konoxxenzi neċessarji u l-għarfien espert meħtieġ sabiex tikkonkludi KFD, li hija kienet aġixxiet bl-għan li tagħmel profitt u li hija kienet ġiet imwissija bir-riskji relatati mal-KFD u man-natura mhux xierqa ta' dawn il-kuntratti għall-"klijenti tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39. Sussidjarjament, il-Krajský soud v Ostravě (il-Qorti Reġjonali ta' Ostrava) qieset li l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 kellu jiġi interpretat bl-istess mod bħall-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I, sabiex tinżamm l-uniformità tas-sistemi legali relatati mar-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet u mad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi. Issa, l-istrumenti finanzjarji huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

26 Permezz ta' digriet tas-17 ta' Jannar 2017, il-Vrchní soud v Olomouci (il-Qorti Superjuri ta' Olomouc, ir-Repubblika Ċeka) ikkonfermat id-digriet tal-Krajský soud v Ostravě (il-Qorti Reġjonali ta' Ostrava).

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, J. Petruchová ppreżentat appell ta' kassazzjoni kontra l-ewwel digriet quddiem il-qorti tar-rinviju, in-Nejvyšší soud (il-Qorti Suprema, ir-Repubblika Ċeka).

28 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li kieku J. Petruchová kellha tiġi kkunsidrata bħala konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, il-klawżola 30 tal-Ftehim Qafas li tirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati Ċiprijotti tkun mingħajr effett.

29 Din il-qorti tfakkar f'dan ir-rigward li, skont l-Artikolu 25(4) ta' dan ir-regolament, il-ftehimiet li jattribwixxu ġurisdizzjoni huma mingħajr effett jekk dawn imorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament. Dan l-aħħar artikolu jippermetti li ssir deroga mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II ta' dan tal-aħħar, li tirregola l-ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi, ħlief permezz ta' ftehimiet li jkunu seħħew wara li tkun qamet it-tilwima, ftehimiet li jippermettu lill-konsumatur li jadixxi qrati oħra barra dawk indikati

f'din it-Taqsima 4, jew ftehimiet li, filwaqt li jkunu saru bejn il-konsumatur u l-parti kontraenti tiegħu li, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, ikollhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess Stat Membru, jattribwixxu l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' dan l-Istat Membru.

30 Issa, skont il-qorti tar-rinviju, il-klawżola 30 tal-Ftehim Qafas ma tissodisfa l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet peress li, l-ewwel nett, il-Ftehim Qafas ġie konkluż qabel ma qamet it-tilwima; it-tieni nett, il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni jċaħħad lil J. Petruchová mid-dritt previst fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 li tadixxi l-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha; u, it-tielet nett, il-partijiet fil-proċedura kellhom, fil-mument tal-konklużjoni tal-Ftehim Qafas, rispettivament, id-domiċilju tagħhom u l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stati Membri differenti.

31 Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, u dwar il-kwistjoni jekk persuna fis-sitwazzjoni ta' J. Petruchová tistax tiġi kklassifikata bħala tali. F'dan ir-rigward, din il-qorti tikkunsidra li l-qrati Ċeki inferjuri interpretaw dan il-kunċett b'mod żbaljat.

32 Fil-fatt, l-ewwel nett, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39, ma huwiex neċessarjament "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, sa fejn dawn iż-żewġ atti ta' dritt sekondarju huma differenti fir-rigward tal-portata tagħhom u li "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-ewwel wieħed minn dawn l-atti, jista' jkun professjonali fis-sens tat-tieni wieħed.

33 It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, anki jekk għandha tiġi żgurata ż-żamma tal-uniformità tas-sistemi legali dwar ir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet u d-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 ma għandux jiġi interpretat bl-istess mod bħall-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma I, peress li dawn ir-regolamenti ma għandhomx l-istess suġġett, billi l-ewwel wieħed jirregola l-kwistjonijiet proċedurali u t-tieni wieħed jittratta l-kwistjoni tal-kunflitti tal-liġijiet sabiex jiġi ddeterminat id-dritt sostantiv applikabbli. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1215/2012 huma applikabbli għall-kuntratti relatati mal-istrumenti finanzjarji u ta' investiment, peress li ċerti kuntratti ta' trasport biss huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-taqsima.

34 F'dan ir-rigward, mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Jannar 2015, Kolassa (C-375/13, EU:C:2015:37), jirriżulta wkoll li l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 ma jirrestrinġix il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-qasam ta' strumenti finanzjarji u ta' investiment.

35 Fl-aħħar nett, it-tielet nett, il-qorti tar-rinviju tqis li hija irrilevanti, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, iċ-ċirkustanza li t-tranżazzjonijiet imwettqa jkunu ta' ammont għoli, li l-persuna kkonċernata jkollha konoxxenzi u għarfien espert partikolari, jew ukoll li l-kuntratt inkwistjoni huwa kumpless, atipiku jew jippreżenta lil din il-persuna riskji li hija kienet ġiet imwissija bihom.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Nejvyšší soud (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 17(1) tar-Regolament [Nru 1215/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li hemm lok li tiġi kklassifikata bħala konsumatur fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni anki persuna bħal dik inkwistjoni fil-proċedura prinċipali, li tinnegozja fis-[suq FOREX] billi attivament tpoġġi l-ordnijiet proprji tagħha, iżda permezz ta' terza persuna li hija professjonista?"

**Fuq id-domanda preliminari**

37 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna fiżika li, skont kuntratt, bħal KFD, konkluż ma' kumpannija ta' senserija, twettaq tranżazzjonijiet fis-suq FOREX permezz ta' dan l-intermedjarju, tista' tiġi kklassifikata bħala "konsumatur", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u jekk humiex rilevanti, għall-finijiet ta' din il-klassifikazzjoni, fatturi bħall-valur tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont tali kuntratti, is-sinjifikat tar-riskji ta' telf finanzjarju marbuta mal-konklużjoni tagħhom, il-konoxxenzi jew l-għarfien espert tal-imsemmija persuna fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji jew l-aġir attiv tagħha fil-kuntest ta' tali tranżazzjonijiet kif ukoll il-fatt li l-istrumenti finanzjarji ma jaqgħux taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I jew li din il-persuna tkun "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39.

38 L-ewwel nett, għandu jiftakkar li, sa fejn ir-Regolament Nru 1215/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament Nru 44/2001, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet ta' dan l-aħħar regolament tgħodd ukoll għar-Regolament Nru 1215/2012 meta d-dispożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ strumenti tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala ekwivalenti (sentenza tal-15 ta' Novembru 2018, Kuhn, C-308/17, EU:C:2018:911, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan huwa, b'mod partikolari, il-każ tal-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament Nru 44/2001 u tal-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 1215/2012.

39 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 japplika fil-każ fejn jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, li parti kontraenti jkollha l-kwalità ta' konsumatur li jaġixxi f'kuntest li jista' jitqies li huwa barrani għall-attività professjonali tagħha; it-tieni nett, li l-kuntratt bejn tali konsumatur u professjonist ikun ġie effettivament konkluż; u, it-tielet nett, li tali kuntratt jaqa' taħt waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 17(1)(a) sa (c). Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv, b'tali mod li, jekk waħda mit-tliet kundizzjonijiet ma tkunx issodisfatta, il-ġurisdizzjoni ma tkunx tista' tiġi ddeterminata skont ir-regoli fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Hobohm, C-297/14, EU:C:2015:844, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, id-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża tirrigwarda l-ewwel waħda minn dawn it-tliet kundizzjonijiet, jiġifieri l-kwalità ta' "konsumatur" ta' parti kuntrattwali.

41 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens tal-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament Nru 1215/2012, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv, b'riferiment għall-pożizzjoni ta' din il-persuna f'kuntratt partikolari, flimkien man-natura u mal-iskop tiegħu, u mhux għas-sitwazzjoni suġġettiva ta' din l-istess persuna, persuna waħda li tista' titqies bħala konsumatur fil-kuntest ta' ċerti tranżazzjonijiet u bħala operatur ekonomiku fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems, C-498/16, EU:C:2018:37, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li huma biss il-kuntratti konklużi barra u indipendentement minn kull attività jew skop ta' natura professjonali bl-uniku għan li jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet proprji ta' individwu għal dak li jirrigwarda l-konsum privat li jaqgħu taħt is-sistema partikolari prevista mill-imsemmija leġiżlazzjoni fil-qasam ta' protezzjoni tal-konsumatur inkwantu parti meqjusa dgħajfa (sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems, C-498/16, EU:C:2018:37, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Din il-protezzjoni partikolari lanqas ma hija ġġustifikata fil-każ ta' kuntratt li għandu bħala għan attività professjonali, anki jekk prevista għall-futur, peress li n-natura futura ta' attività ma tneħħi xejn min-natura professjonali tagħha (sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Isegwi li r-regoli ta' ġurisdizzjoni speċifiċi previsti fl-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 1215/2012, bħala prinċipju, huma applikabbli biss fis-sitwazzjoni fejn il-kuntratt kien ġie konkluż bejn il-partijiet għal użu li ma huwiex wieħed professjonali tal-oġġett jew tas-servizz ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems, C-498/16, EU:C:2018:37, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Huwa fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat jekk persuna li, skont kuntratt bħal KFD konkluż ma' kumpannija ta' senserija, twettaq tranżazzjonijiet fis-suq FOREX permezz ta' din il-kumpannija, tistax tiġi kklassifikata bħala "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012.

46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li ebda element tad-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma juri li l-konklużjoni tal-Ftehim Qafas jew tal-KFD inkwistjoni kienet taqa' taħt l-attività professjonali ta' J. Petruchová. Bl-istess mod, matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, J. Petruchová ddikjarat, mingħajr ma ġiet ikkontestata, li, fil-mument tal-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti, hija kienet studenta fl-università u kienet taħdem part-time. Skont l-affermazzjonijiet tagħha, hija kkonkludiet l-imsemmija kuntratti barra mill-attività professjonali tagħha.

47 Madankollu, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistoqsija dwar il-kwistjoni jekk, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta fil-punti 45 u 46 ta' din is-sentenza, persuna fiżika tistax tiġi rrifjutata l-kwalità ta' "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, minħabba fatturi bħalma huma r-riskji marbuta mal-konklużjoni ta' kuntratt bħall-KFD, il-valur tat-tranżazzjonijiet, il-konoxxenzi jew l-għarfien espert possibbli li din il-persuna jkollha fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji jew l-aġir attiv tagħha fis-suq FOREX.

48 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1215/2012 li jirregola l-ġurisdizzjoni fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi japplika għat-tipi kollha ta' kuntratti, minbarra dak ippreċiżat fl-Artikolu 17(3) ta' dan ir-regolament, jiġifieri l-kuntratt ta' trasport għajr dak li, għal prezz inklużiv, jinkludi vjaġġ u akkomodazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Pillar Securitisation, C-694/17, EU:C:2019:345, punt 42).

49 Minn dan jirriżulta li strumenti finanzjarji bħalma huma l-KFD jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 1215/2012.

50 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-istess Taqsima 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1215/2012 ma huwiex limitat għal ammonti partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Pillar Securitisation, C-694/17, EU:C:2019:345, punt 42).

51 Fil-fatt, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 51 tal-konklużjonijiet tiegħu, kieku l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 1215/2012 kellhom jiġu interpretati fis-sens li ma humiex applikabbli għall-investimenti finanzjarji sinjifikattivi, l-investitur ma jkunx fil-pożizzjoni, peress li dan ir-regolament ma jistabbilixxix limitu li lil hinn minnu l-ammont ta' tranżazzjoni jitqies bħala sinjifikattiv, li jkun jaf jekk huwiex ser jibbenefika mill-protezzjoni mogħtija minn dawn id-dispożizzjonijiet, fatt li jmur kontra r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni, espressa fil-premessa 15 tal-imsemmi regolament, li tgħid li r-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ikunu prevedibbli ħafna.

52 Issa, ir-Regolament Nru 1215/2012 isegwi għan ta' ċertezza legali li jikkonsisti fit-tisħiħ tal-protezzjoni ġuridika tal-persuni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, billi jippermetti kemm lir-rikorrent li jidentifika faċilment il-qorti li jista' jersaq quddiemha u lill-konvenut li jipprevedi raġonevolment dik li quddiemha jista' jitressaq (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Feniks, C-337/17, EU:C:2018:805, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Minn dan jirriżulta, bħala korollarju ta’ dak li ntqal iktar ’il fuq u, b’mod partikolari tal-punt 51 ta’ din is-sentenza, li ċ-ċirkustanza, irrilevata fid-deċiżjoni tar-rinviju, li l-konklużjoni tal-KFD tista’ tinkludi, għal investitur, riskji sinjifikattivi f’termini ta’ telf finanzjarju hija, inkwantu tali, irrilevanti għall-klassifikazzjoni tiegħu bħala “konsumatur”, fis-sens tal-Artikolu 17(1) ta’ dan ir-regolament.

54 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-konoxxenzi u l-għarfien espert ta’ persuna fil-qasam li jagħmel parti minnu l-kuntratt li hija kkonkludiet, bħal dawk li J. Petruchová għandha fir-rigward tal-KFD fil-kawża prinċipali, jistgħux iċaħħduha mill-kwalità ta’ “konsumatur”, fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, hemm lok li jiġi rrilevat li, sabiex lil persuna tkun tista’ tiġi rrikonoxxuta din il-kwalità, huwa biżżejjed li hija tikkonkludi kuntratt għal użu mhux relatat mal-attività professjonali tagħha. F’dan ir-rigward, l-imsemmija dispożizzjoni ma timponix kundizzjonijiet supplimentari.

55 Fil-fatt, sa fejn il-kunċett ta’ “konsumatur”, fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, huwa ddefinit b’kuntrast ma’ dak ta’ “operatur ekonomiku”, dan għandu natura oġġettiva u huwa indipendenti mill-konoxxenzi u mill-informazzjoni li l-persuna kkonċernata realment għandha (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta’ Settembru 2015, Costea, C-110/14, EU:C:2015:538, punt 21, u tal-25 ta’ Jannar 2018, Schrems, C-498/16, EU:C:2018:37, punt 39).

56 F’dan ir-rigward, il-fatt li jiġi kkunsidrat li l-kwalità ta’ konsumatur ta’ parti kontraenti tista’ tiddependi mill-konoxxenzi u mill-informazzjoni li dan għandu f’qasam partikolari, u mhux fuq iċ-ċirkustanza li l-kuntratt li huwa kkonkluda għandu bħala għan jew le li jissodisfa l-bżonnijiet personali tiegħu, iwassal sabiex isir riferiment għas-sitwazzjoni suġġettiva ta’ din il-parti kontraenti. Issa, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 41 ta’ din is-sentenza, il-kwalità ta’ “konsumatur” ta’ persuna għandha tiġi eżaminata biss fir-rigward tal-pożizzjoni ta’ din tal-aħħar f’kuntratt partikolari, fid-dawl tan-natura u tal-iskop tiegħu.

57 Fir-raba’ lok, għandu jiġi ppreċiżat li l-aġir attiv, fis-suq FOREX, ta’ persuna li tqiegħed l-ordnijiet tagħha permezz ta’ kumpannija ta’ senserija u tibqa’, minħabba dan il-fatt, responsabbli mir-rendiment tal-investimenti tagħha huwa, inkwantu tali, mingħajr effett fuq il-klassifikazzjoni ta’ din il-persuna inkwantu “konsumatur” fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012.

58 Fil-fatt, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 ma jeżiġix li l-konsumatur iġib ruħu, fil-kuntest ta’ kuntratt konkluż għal użu mhux relatat mal-attività professjonali tiegħu, b’mod partikolari.

59 Konsegwentement, għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk, fil-kuntest tar-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha ma’ FIBO, J. Petruchová effettivament aġixxietx barra u indipendentement minn kull attività ta’ natura professjonali, u li minn dan tislet il-konsegwenzi għal dak li jirrigwarda l-kwalità ta’ “konsumatur” tagħha, għandu jiġi ppreċiżat li, għall-finijiet ta’ din il-klassifikazzjoni, fatturi bħall-valur tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont kuntratti bħall-KFD, is-sinjifikat tar-riskji ta’ telf finanzjarju marbuta mal-konklużjoni ta’ tali kuntratti, il-konoxxenzi u l-għarfien espert possibbli ta’ J. Petruchová fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji jew inkella l-aġir attiv tagħha fil-kuntest ta’ tali tranżazzjonijiet huma, inkwantu tali, bħala prinċipju irrilevanti.

60 Dan premess, għad hemm lok li jiġi eżaminat, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta’ persuna bħala “konsumatur”, fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, minn naħa, ir-rilevanza tal-esklużjoni tal-istrumenti finanzjarji mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I u, min-naħa l-oħra, ir-rilevanza tal-kwalità ta’ “klijent tax-xiri bl-imnut”, fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39, ta’ din il-persuna.

61 Fil-fatt, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi kif ukoll il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni, il-kunċett ta' "konsumatur" li jinsab f'leġiżlazzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jista' jirriżulta rilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems, C-498/16, EU:C:2018:37, punt 28).

62 Għalhekk, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li, anki jekk il-kunċett ta' "konsumatur" huwa ddefinit fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma I fi kliem kważi identiku għal dak tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, sa fejn din l-ewwel dispożizzjoni tipprevedi li tapplika għal "kuntratt konkluż minn persuna fiżika għal skop li jista' jitqies bħala mhux relatat mas-sengħa jew professjoni tagħha", l-Artikolu 6(4)(d) tar-Regolament Ruma I, moqri fid-dawl tal-premessi 28 u 30 tiegħu, jeskludi regoli applikabbli għall-kuntratti ta' konsum stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) ta' dan ir-regolament, id-"drittijiet u obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu strument finanzjarju". Issa, hekk kif dan jirriżulta mill-premessa 30 tal-imsemmi regolament, l-istrumenti finanzjarji għall-finijiet tar-Regolament Ruma I huma dawk imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39, li fosthom hemm il-KFD, kif jipprevedi l-punt 9 tat-Taqsima Ċ tal-Anness I ta' din id-direttiva.

63 Għalkemm ċertament jirriżulta mill-premessa 7 tar-Regolament Ruma I li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu koerenti fir-rigward tar-Regolament Nru 44/2001, li r-Regolament Nru 1215/2012 kien sussegwenti tiegħu, madankollu minn dan ma jirriżultax li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1215/2012 għandhom jiġu interpretati fid-dawl ta' dawk tar-Regolament Ruma I. F'ebda każ il-koerenza mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni ma tista' twassal sabiex lid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1215/2012 tingħatalhom interpretazzjoni mhux relatata mas-sistema u mal-għanijiet tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2014, Kainz, C-45/13, EU:C:2014:7, punt 20).

64 Issa, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-Regolament Ruma I u r-Regolament Nru 1215/2012 isegwu għanijiet distinti. Filwaqt li r-Regolament Ruma I japplika, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tiegħu, f'sitwazzjonijiet li jinkludu kunflitt tal-liġijiet, għall-obbligi kuntrattwali li jaqgħu taħt materji ċivili u kummerċjali sabiex jiġi stabbilit id-dritt sostantiv applikabbli, ir-Regolament Nru 1215/2012 huwa intiż sabiex jiffissa r-regoli li jippermettu li tiġi stabbilita l-qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar tilwima f'materji ċivili u kummerċjali dwar, b'mod partikolari, kuntratt konkluż bejn professjonist u persuna li taġixxi b'għan mhux relatat mal-attività professjonali tagħha, b'mod li din tal-aħħar tiġi protetta f'tali sitwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Pillar Securitisation, C-694/17, EU:C:2019:345, punt 42).

65 F'dan ir-rigward, sa fejn, hekk kif ġie kkonstatat fil-punti 48 u 49 ta' din is-sentenza, strumenti finanzjarji bħal KFD jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 1215/2012, il-fatt li lill-konsumatur tiġi rrifjutata protezzjoni proċedurali għas-sempliċi raġuni li tali protezzjoni ma tingħatalux fil-qasam ta' kunflitt tal-liġijiet imur kontra l-għanijiet ta' dan ir-regolament.

66 Minn dan isegwi li l-esklużjoni tal-istrumenti finanzjarji mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I ma għandhiex effett fuq il-klassifikazzjoni ta' persuna bħala "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012.

67 It-tieni nett, fir-rigward tar-rilevanza, għall-finijiet ta' din il-klassifikazzjoni, tal-fatt li din il-persuna hija "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tiddefinixxi l-"klijent tax-xiri bl-imnut" bħala "klijent li mhux klijent professjonali". Skont l-Artikolu 4(1)(11), klijent professjonali huwa "klijent li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness II" tal-imsemmija direttiva.

68 Konformement mat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39, għall-finijiet ta' din id-direttiva, huma kkunsidrati bħala professjonali, għas-servizzi u għall-attivitajiet ta' investiment u l-istrumenti finanzjarji kollha, l-ewwel nett, l-entitajiet li huma obbligati li jiġu awtorizzati jew irregolati sabiex

joperaw fis-swieq finanzjarji, bħalma huma l-istabbilimenti ta' kreditu jew l-impriżi ta' investiment; it-tieni nett, l-impriżi kbar li jissodisfaw tnejn mit-tliet kriterji, jiġifieri bilanċ totali ta' 20 miljun euro, dħul mill-bejgħ nett ta' 40 miljun euro u kapital proprju li jilħaq 2 miljun euro; it-tielet nett, entitajiet jew istituzzjonijiet pubbliċi bħalma huma l-gvernijiet nazzjonali, il-banek ċentrali jew il-Bank Dinji; u, ir-raba' nett, investituri istituzzjonali oħra. L-entitajiet li jaqgħu taħt waħda minn dawn l-erba' kategoriji jistgħu madankollu jitolbu li jiġu ttrattati bħala mhux professjonali.

69 Skont it-Taqsima II tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39, il-klijenti minbarra dawk imsemmija fit-Taqsima I ta' din id-direttiva jistgħu jiġu ttrattati bħala professjonali fuq talba tagħhom. Sabiex ikun jista' jiġi ttrattat bħala professjonali, il-klijent, li ma jistax jiġi preżunt li għandu konoxxenza u esperjenza paragunabbli ma' dawk tal-klijenti professjonali, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa minn qabel. L-attribuzzjoni tal-kwalità ta' klijent professjonali tippreżumi kif ġie vverifikat li huwa jissodisfa minn tal-inqas tnejn mit-tliet kriterji li fosthom hemm, l-ewwel nett, il-fatt li wettaq medja ta' għaxar tranżazzjonijiet ta' daqs sinjifikattiv f'kull kwart tas-sena fuq l-erba' kwarti preċedenti tas-sena; it-tieni nett, il-fatt li l-valur tal-portafoll ta' strumenti finanzjarji tiegħu jaqbeż EUR 500 000; jew, it-tielet nett, il-fatt li okkupa pożizzjoni professjonali fis-settur finanzjarju għal mill-inqas sena.

70 Wara li ġie ppreċiżat dan, hemm lok li jiġi rrilevat li l-"klijent", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(10) tad-Direttiva 2004/39, indipendentement mill-kwalità tiegħu ta' "klijent professjonali" jew ta' "klijent tax-xiri bl-imnut", huwa mifhum bħala "kull persuna naturali jew legali li ditta ta' l-investiment tipprovdihom b'investiment u/jew servizzi anċillari".

71 Għaldaqstant, b'differenza mal-"konsumatur", li, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, huwa persuna fiżika, il-"klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39, jista' wkoll ikun persuna ġuridika.

72 B'mod partikolari, hekk kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-klijenti tax-xiri bl-imnut jistgħu jkunu entitajiet ġuridiċi li ma jkunux issodisfaw tnejn mit-tliet kriterji li jippermettulhom li jiġu assimilati ma' klijenti professjonali u li jiġu ttrattati bħala tali skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39 jew entitajiet ġuridiċi li, minkejja li kkunsidrati bħala klijenti professjonali, talbu trattament bħala persuni mhux professjonali skont it-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39.

73 Minn dan, jirriżulta wkoll li l-klassifikazzjoni bħala "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(10) u (12) tad-Direttiva 2004/39, ma hijiex suġġetta għall-assenza ta' attività kummerċjali tal-persuna kkonċernata, b'differenza mal-klassifikazzjoni bħala "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012.

74 Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni bħala "konsumatur" u dik bħala "klijent tax-xiri bl-imnut", previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet, isegwu għanijiet differenti.

75 Fil-fatt, l-ewwel waħda minn dawn il-klassifikazzjonijiet tagħti, hekk kif dan jirriżulta mill-punt 64 ta' din is-sentenza, protezzjoni waqt id-determinazzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar tilwima f'materji ċivili u kummerċjali, filwaqt li t-tieni waħda hija intiża li tipproteġi, hekk kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39, investitur b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-portata tal-informazzjoni li l-impriża ta' investiment hija obbligata li tipprovdilu.

76 Konsegwentement, għalkemm ma jistax jiġi eskluż li "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39, jista' jiġi kklassifikat bħala "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, jekk hija persuna fiżika li taġixxi barra minn kull attività kummerċjali, dawn iż-żewġ kunċetti, b'kunsiderazzjoni tad-differenzi fir-rigward tal-portata tagħhom u tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-dispożizzjonijiet li jippreveduhom, ma jkoprux lil xulxin perfettament.

77 Minn dan isegwi li l-kwalità ta' "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39, ta' persuna hija, inkwantu tali, bħala prinċipju, mingħajr ebda effett għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha bħala "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012.

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna fiżika li, skont kuntratt bħal KFD konkluż ma' kumpannija ta' senserija, twettaq tranżazzjonijiet fis-suq FOREX permezz ta' din il-kumpannija, għandha tiġi kklassifikata bħala "konsumatur", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jekk il-konklużjoni ta' dan il-kuntratt ma taqax taħt l-attività professjonali ta' din il-persuna, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Għall-finijiet ta' din il-klassifikazzjoni, minn naħa, fatturi bħall-valur tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont kuntratti bħall-KFD, is-sinjifikat tar-riskji ta' telf finanzjarju marbuta mal-konklużjoni ta' tali kuntratti, il-konoxxenzi jew l-għarfien espert possibbli ta' din il-persuna fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji jew l-aġir attiv tagħha fil-kuntest ta' tali tranżazzjonijiet huma, inkwantu tali, bħala prinċipju irrilevanti, u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-istrumenti finanzjarji ma jaqgħux taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I jew li din il-persuna tkun "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39, huwa, inkwantu tali, bħala prinċipju mingħajr effett.

**Fuq l-ispejjeż**

79 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2012, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna fiżika li, skont kuntratt bħal kuntratt finanzjaru għad-differenzi konkluż ma' kumpannija ta' senserija, twettaq tranżazzjonijiet fis-suq internazzjonali tal-kambju FOREX (Foreign Exchange) permezz ta' din il-kumpannija għandha tiġi kklassifikata bħala "konsumatur", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jekk il-konklużjoni ta' dan il-kuntratt ma taqax taħt l-attività professjonali ta' din il-persuna, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Għall-finijiet ta' din il-klassifikazzjoni, minn naħa, fatturi bħall-valur tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont kuntratti bħall-kuntratti finanzjarji għad-differenzi, is-sinjifikat tar-riskji ta' telf finanzjarju marbuta mal-konklużjoni ta' tali kuntratti, il-konoxxenzi jew l-għarfien espert possibbli ta' din il-persuna fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji jew l-aġir attiv tagħha fil-kuntest ta' tali tranżazzjonijiet huma, inkwantu tali, bħala prinċipju irrilevanti u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-istrumenti finanzjarji ma jaqgħux taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), jew li din il-persuna tkun "klijent tax-xiri bl-imnut", fis-sens tal-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, huwa, inkwantu tali, bħala prinċipju mingħajr effett.**

Firem